# Il-Ħadd 06.10.2019

1. Illum 6/10, **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka minn Dun Darren Pace,
     Viċi Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, l-Gżira;
     bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda, bit-tberik ta' kuruni tar-Rużarju,
     u animata mill-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju, u tintemm bil-Barka Sagramentali.
     Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq u Misraħ San Ġużepp,
     Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,
     Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.
     *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*

2. Il-Ħamis 10/10:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Inżuru l-Knisja tal-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat, fejn ikollna Rużarju u Quddiesa. Imbagħad ikollna Coffee Morning f'restaurant il-Baħrija. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini ta' dawk li ser jirċievu s-Sagrament
     tal-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

3. Is-Sibt 12/10:
   - Fid-9:00pm - Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm.
     Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun.

4. Il-Ħadd 13/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 235 sena** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra:-
   - Il-Ħadd 13/10 - Mit-8:30am sas-1:00pm ser ikollna l-*Mobile Blood Donation Unit* fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi:
   - Il-Kunsill javża illi l-ħin tal-Uffiċċju tiegħu matul ix-Xitwa ser ikun hekk:-
     - mit-Tnejn sal-Gimgħa: mit-8:00am sal-4:30pm;
     - is-Sibt: mit-8:00am sal-11:30am.
   - Il-Kunsill javża wkoll li, wara diskussjonijiet li saru bejn il-Kunsill Lokali u l-bank BOV, l-ATM ta' ħdejn il-bandli fi Triq il-Ħajt Ruman tista' tibda tintuża għad-depożiti wkoll.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 10 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkru wkoll li tqassmu xi envelops mal-Magazin 'Flimkien' biex tkunu tistgħu tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-Missjoni. Dawn l-envelops għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien', inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti, jew jintbagħtu direttament fuq l-indirizz li għandkom fuq l-envelop. Nirringrazzjakom mill-qalb.